# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 32

L-Erbgha, 12 ta' Mejju, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fit-3.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri, Raymond Azzopardi, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Kunsillier Borg infurmat li kienet ma tiflahx.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 31 li saret nhar il-Hamis, 15 t'April, 2010 kienu konfermati, wara li fit-tielet pagna taht l-item Progetti ta' l-EU, flok il-kelma "Leonardo" jidhol il-kliem "Youth in Action".

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Xoghol fi Triq ir-Repubblika***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol fi Triq ir-Repubblika ma sarx tajjeb u fuq struzzjonijiet tal-Perit dan inqala' u rega' sar mill-gdid. Jonqos biss parti zghira hdejn il-fosos u sqaq Toni Bajada. Il-Kunsill qieghed jistenna wkoll ir-rizultat tat-testijiet fuq it-triq.

***Grand Prix de Malte***

Kien hemm qbil li fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss issir laqgha mal-Fondazzjoni tal-Grand Prix biex jigu diskussi l-problemi li kien hemm waqt din l-attivita`.

***Zjara tal-Papa***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien mistieden ghall-quddiesa tal-Hadd biss. Huwa qal li kellu laqgha ma' l-organizzaturi taz-zjara biex jistharreg ghalfejn hu ma kienx mistieden f'attivitajiet relatati li sehhew il-Belt. Huma qalulu li dawn kienu ghamlu zewg proposti lill-Ufficcju tal-President sabiex hu jippartecipa minhabba li l-attivitajiet kollha kienu ser isiru gol-Palazz tal-President. L-ufficcju tal-President irrifjuta z-zewg proposti. Ghalhekk is-Sindku kiteb ittra lill-Ufficcju tal-President biex jifhem x'kienet l-oggezzjoni u issa qed jistenna risposta.

***Progetti ta' l-EU***

Gabriella Agius tat spjegazzjoni tal-progetti li l-Kunsill kien applika ghalihom. Fost dawn hemm il-progett Urban Energy li s-Sindku kien attenda laqgha dwaru fl-Awstrija. Jekk dan il-progett jigi approvat, il-ftuh tieghu ser isir f'Malta, f'Settembru.

## VAKANZI GHAL ZEWG UFFICCJALI MAL-KUNSILL LOKALI

Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta lill-Kunsill ir-rapport li hejja l-Bord ta' l-Ghazla li ghamel l-intervisti ghal-vakanzi li kellu l-Kunsill (Appendici A).

Il-Kunsill unanimament qabel u approva dan ir-rapport.

Il-Kunsill qabel ukoll li minhabba li s-servizz ta' reception huwa bzonnjuz il-hin kollu, ghandha ssir talba lill-ETC biex is-Sur Anthony Galea jinqaleb fuq bazi ta' full-time.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Fuq talba tas-Sur Croce Bonaci, il-Kunsill qabel li ssir l-alterazzjoni mehtiega fil-bankina ta' Triq San Duminku sabiex l-istess resident ma jkollux ostakli sabiex jidhol u johrog bil-karozza fil-garage.

  Il-Kunsill qabel ukoll li jara l-possibilta` li tigi rrangata il-bankina tal-qawwi fi Triq San Duminku bejn Triq il-Mediterran u Triq Sant'Ursola.

- Il-Kunsill ma laqax talba tas-Sur Randolph Cauchi sabiex ikun jista' jbiegh il-granita minn mobile kiosk zghira madwar il-Belt;

- Il-Kunsill unanimament qabel li jkun parti u jiffirma il-Covenant of Mayors – Committed to local sustainable energy".

- Il-Kunsill laqa' t-talba ta' l-Ghaqda Familja Karmelitana sabiex issir ikla ghall-festa fi Triq it-Teatru, bejn Triq il-Punent u Triq Zekka, nhar it-3 ta' Lulju mis-6.00pm sal-11.00pm. Il-Kunsill talab ukoll li din it-talba tintbghat lill-Pulizija ghall-approvazzjoni.

- Transport Malta infurmaw lill-Kunsill li t-talba biex tinghalaq Triq San Duminku waqt il-hin tad-duttrina giet rifjutata u gie rakkomandat li jsiru sleeping policemen fit-triq. Il-Kunsill qabel ma' dan u kien hemm qbil ukoll li ssir sleeping policemen ohra fi Triq San Pawl k/m Triq San Duminku;

- Il-Kunsill qabel li jaghti kumpens lill-contract manager Domnic Polidano ghall-ghajnuna tieghu fic-Chinese Spring Festival, l-exhibition ta' Sergio Favotto u f'Jum il-Fondazzjoni tal-belt Valletta;

- Il-Kunsill qabel li problema li hemm fuq bankina fi Triq Melita quddiem nru. 118 tigi riferita lill-Perit tal-Kunsill.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Kuncert tas-Sette Giugno***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuncert tas-Sette Giugno ser isir nhar is-7 ta' Gunju fi Pjazza San Gorg. Wara ser isir riceviment sponsorjat minn "The Chef" fi Gnien Hastings fejn dan il-hanut ghamel stedina ghal din l-okkazzjoni lill-Kunsill.

***Carmen***

Is-Sindku informa lill-Kunsill li sar invit lill-Kunsill minn Valencia biex tigi streamed live minn Valencia l-opra Carmen. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-prezz ta' din l-attivita` se tlahhaq il-€5,000. Il-Kunsill qabel li jippartecipa u ghalhekk is-Sindku kien qieghed isib xi sponsors sabiex issir din l-attivita`.

***Laqgha ta' l-Ezekuttiv tal-WTFC***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ser issir laqgha ta' l-Ezekuttiv tal-WTFC f'Wales bejn is-17 u l-20 ta' Gunju u li ghalihom jippartecipa l-Vici Sindku. Il-Vici Sindku qal li din ser tkun l-ewwel laqgha tal-ezekuttiv taht il-presidenza l-gdida. Huwa qal ukoll li kien se jara l-andament ta' kif ser jizvolgu l-affarijiet f'dan l-ezekuttiv sabiex il-Kunsill jara jkomplix jew le bil-partecipazzjoni tieghu fil-WTFC. Il-Kunsill qabel ukoll li flimkien mal-Vici Sindku jippartecipa wkoll mill-MEPA, il-perit Victor Sladden.

***Proposti lill-Gvern***
Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li l-Kunsill jaghmel proposti lill-Gvern fuq numru ta' progetti fosthom:

Peacock Garden
Suq tal-Belt
Manoel Guest House
Biccerija
Progett fl-area ta' South street sabiex jghin lill-kummerc. Hawnhekk semma l-ezempju tal-garage tal-Kunsill li jista' jintuza ghal dan il-ghan.

Dwar is-sejha ghal project manager ghall-applikazzjoni ghal progett ERDF, il-Kumitat ta' l-ghazla kien ghazel l-offerta tal-Perit Chris Briffa. Dan minhabba li l-offerta l-ohra tal-Perit Valerio Schembri ma kellha l-ebda dettalji u disinji tal-proposta u ma kien hemmx costings tal-Progett. Il-Kunsill unanimament qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat. Mill-banda l-ohra il-proposta tal-Perit Briffa kienet wahda attraenti ghall-belt Valletta.

**MISTOQSIJIET**

1. Il-Kunsillier Azzopardi staqsa jekk il-Kunsill kienx infurmat li l-monument tas-Sette Giugno kien ser jitpogga fil-Gnien Hastings.

Is-Sindku nforma li l-Kunsill ma kienx infurmat.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa x'ser jaghmel il-Kunsill dwar dan.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jiehu kapital minn dan u jgholli aktar il-potenzjal ta' gnien Hastings.

Il-Vici Sindku qal li kien jippretendi li ssir konsultazzjoni mal-Kunsill izda ma jdejqux il-fatt li l-monument tpogga temporanjament Hastings sabiex jibqa' jigi espost.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa x'se tkun ir-reazzjoni tal-Kunsill dwar dan.

Il-Kunsillier Camenzuli qal li l-Kunsill ghandu jkun infurmat b'dak kollu li jigri fil-Belt b'mod partikolari fi gnien li hu responsabbli minnu l-Kunsill.

Is-Sindku qal li hu diga kien wassal dan il-messagg.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li hu ma kienx jaqbel li dan il-monument jinheba fil-gnien ta' Hastings.

Is-Sindku wiegeb li dan qieghed hemm b'mod temporanju u wara ser jigi rilokat fil-post fejn ser jinbena l-Parlament il-gdid.

2. Il-Kunsillier Camenzuli staqsa jekk is-servizz tas-CT cabs jistghax jigi estiz sal-polyclinic.

Is-Sindku wiegeb li dan huwa servizz offrut minn kumpannija privata u l-problema hija li dawn m'ghandhomx licenzja li jestendu s-servizz sal-Floriana. Minhabba li bhalissa ghaddejja r-rifroma fit-trasport, il-licenzji kollha huma sospizi.

**TMIEM**

Fil-5.00pm intemmet is-Seduta

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku